MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 131/2009

**Bank of Valletta plc (C2833)**

**vs**

**Stephen Urry (I.D. 85378M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett elef, mitejn u tlieta u hamsin Euro u sebgha u erbghin centezmi (€3,253.47), bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* tal-konvenut Stephen Urry mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A.) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-18 ta' Novembru, 2008, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fit-13 ta' Marzu, 2007 (Dok. B) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment.

Illi, interpellat sabiex ihallas d-dejn fuq imsemmi, il-konvenut baqgha inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi, is-socjeta' attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skond il-ligi anness mal-avviz tat-talba u markat Dok C.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef, mitejn u tlieta u hamsin Euro u senbgha u erbghin centezmu (€3,253.47), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------